MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Citazzjoni Numru. 345/2007

**Patricia u Joseph konjugi Pace (ID 54563G u 242359M)**

***kontra***

**Alfred Mallia (ID 547362M), Lawrence Camilleri (ID 250660M) u Camilleri Marble Works (C 5596)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fis-26 ta' Marzu 2007 li jaqra hekk -

*1. Illi l-esponenti konjugi Pace huma proprjetarji tal-fond enumerat 41, Eva House, Triq il-Qrendi, Zurrieq, filwaqt li l-intimati huma l-proprjetarji tal-fond adjacenti*

*ghal dak ta' l-esponenti, Mount Carmel, Triq il-Qrendi, Zurrieq ;*

*2. Illi l-intimati ricentement wettqu u qeghdin ikomplu jwettqu, xoghlijiet ta' twaqqigh, skavar, u kostruzzjoni fil-proprjeta' taghhom, li bihom, b'nuqqas ta' hila u inosservanza tal-Ligi kkagunaw u qeghdin ikomplu jikkagunaw, diversi hsarat u danni fil-proprjeta' ta' l-esponenti, jigifieri fil-fond enumerat 41, Eva House, Triq il-Qrendi, Zurrieq ;*

*3. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jiddezistu milli jkomplu jaghmlu hsarat u danni fil-proprjeta' ta' l-esponenti, u minkejja li gew interpellati sabiex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni u hsarat ikkagunati minnhom, huma baqghu inadempjenti ;*

*4. Illi minkejja li l-intimati ammettew li ghamlu danni fil-proprjeta' ta' l-esponenti huma naqsu li jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni u hsarat ikkagunati minnhom ;*

*5. Illi l-esponenti Patricia Pace taf personalment bil-fatti hekk dikjarati, u debitament enumerati.*

*Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :*

*a) Tiddikjara lill-intimati, solidament jew min minnhom, unikament responsabbli ghad-danni u hsarat ikkagunati fil-proprjeta' ta' l-esponenti b'konsegwenza tax-xoghlijiet fuq imsemmija ;*

*b) Tillikwida occorrendo bl-opera ta' periti nominandi l-istess danni u hsarat ikkagunati ;*

*c) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onroabbli Qorti, iwettqu dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali fil-fond proprjeta' ta' l-esponenti, u dan taht is-supervizjoni ta' perit arkitett nominat mill-Qorti ghal dan l-iskop ;*

*d) Fin-nuqqas, tawtorizza lill-esponenti sabiex jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha mehtiega fil-fond proprjeta' taghhom, unikament ghas-spejjez ta' l-intimati jew min minnhom, sabiex jirripristinaw il-fond proprjeta' ta' l-esponenti fl-istat originali li kien qabel l-intimati wettqu x-xoghlijiet hawn fuq imsemmija ;*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra gudizzjarja datata 31 ta' Jannar, 2007, kontra l-intimati illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti.

Rat ir-risposta mahlufa ta' Alfred Mallia u Lawrence Camilleri prezentata fl-20 ta' April 2007 li taqra hekk –

*1. Fl-ewwel lok ir-rikorrenti pprezentaw lista pjuttost twila ta' xhieda izda minn dawk il-persuni ndikati fil-paragrafi 4, 5, 6, 7 u 8 tal-istess lista ta' xhieda r-rikorrenti ma ssodisfawx il-kwezit tal-ligi dwar kif ghandhom jigu ndikati x-xhieda u konsegwentement dawn il-paragrafi ghandhom jigu sfilzati u r-rikorrenti m'ghandhomx jithallew iressqu dawn il-persuni bhala xhieda ;*

*2. Illi fit-tieni lok, l-esponenti dejjem accettaw li jaghmlu tajjeb ghall-hsarat minnhom kagunati lir-rikorrenti*

*fil-kors tax-xoghlijiet li qed jaghmlu fuq il-post li kien jismu 'Mount Carmel', Triq il-Qrendi, z-Zurrieq, izda l-konjugi Pace ezageraw fil-pretensjonijiet taghhom. Huma kienu talbu lill-esponenti jhallsu ammont ta' Lm6,000 li mill-kalkoli li ghamlu l-esponenti, kien hemm biss Lm1,500 li kienu gustifikati u fil-fatt l-esponenti biex juru l-genwinita' taghhom, offrew anzi li jhallsu s-somma ta' Lm2,000. Biex waslu ghall-kalkoli taghhom l-esponenti raw ir-rapport tal-Perit Dennis Camilleri li kien il-Perit inkarigat mill-assigurazzjoni li jkopri lil-esponenti fil-progett u anke mill-Perit taghhom Anton Zammit ;*

*3. Illi ghalhekk ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap tal-ispejjes.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti Mallia u Camilleri.

Rat ir-risposta guramentata ta' Camilleri Marble Works li kienet prezentata fl-<u>20 ta' April 2007</u> li taqra hekk -

*Jiena direttur tal-kumpannija Camilleri Marble Works Limited u ninsab debitament awtorizzat mill-kumpannija sabiex nipprezenta din ir-risposta.*

*Il-kumpannija Camilleri Marble Works Limited m'ghandha x'taqsam xejn mal-progett mertu tal-kawza tant illi meta l-konjugi Pace pprezentaw rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (1841/06AL), l-istess kumpannija kienet espressament iddikjarat dan il-fatt u konsegwentement il-kumpannija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-konjugi Pace u*

*dan billi huma kienu gja jafu li l-kumpannija m'ghandhiex x'taqsam.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta Camilleri Marble Works.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2007 (fol 14) fejn kien mahtur bhala perit tekniku l-AIC Alan Saliba sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jissuggerixxi rimedji ghal-lanjanzi ta' l-atturi jekk dawn jirrizultaw.

Ezaminat il-provi dokumentarji li ressqu l-partijiet, kif ukoll dawk ta` xhieda viva voce.

Rat ir-relazzjoni (u l-inkartament relatat) tal-perit tekniku (fol 107 sa 143) li kienet mahlufa fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2007.

Rat li l-partijiet li ressqux talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-17 ta` Ottubru 2007 (fol 104-105) fejn laqghet it-talba tal-atturi sabiex jeskutu lill-perit tekniku.

Rat it-twegibiet tal-perit tekniku fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 2007 ghad-domandi in eskussjoni (fol 151 sa 159).

Rat li l-atturi ddikjaraw l-gheluq tal-provi taghhom fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2009 (fol 318).

Rat id-digriet ta` din il-Qorti kif presjeduta tas-7 ta` April 2009 (fol 332) fejn, wara talba mill-konvenuti mhux opposta, ordnat l-allegazzjoni tal-atti tar-Rikors ghall-Hrug ta’ Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1841/06 AL fl-ismijiet *Patricia Pace et vs Alfred Mallia et.*

Rat li l-istadju tal-gbir tal-provi tal-konvenuti kien dikjarat maghluq fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2009 (fol 360).

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-atturi (fol 363 sa 369) li kienet prezentata fl-udjenza tas-17 ta’ Novembru 2009.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenuta Camilleri Marble Works (fol 376) li kienet prezentata fil-21 ta’ Dicembru 2009.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenuti Mallia u Camilleri (fol 377 sa 379) li kienet prezentata fil-21 ta’ Dicembru 2009.

Semghet l-ahhar sottomissjonijiet mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta’ Marzu 2010 (fol 381).

Rat l-atti tal-kawza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-15 ta’ Marzu 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti sejra tittratta l-ewwel punt ta` dritt li jirrigwarda l-impostazzjoni tat-talbiet tal-atturi.

Huwa evidenti mill-premessi u mill-kawzali tar-rikors li din tal-atturi hija kawza ghal danni naxxenti minn allegata *culpa aquiliana* da parti tal-konvenuti bhala konsegwenza ta` xoghol ta' skavar, demolizzjoni u kostruzzjoni ta` fond adjacenti
ghall-propjeta` tal-atturi. Ghal kawza ta` din ix-xorta, ghamlu sewwa l-atturi li ressqu l-ewwel talba u cioe' id-dikjarazzjoni ta` responsabilita` tal-konvenuti jew min minnhom. Minn hemm, l-atturi kellhom ghazla <u>jew</u> jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni (it-tieni talba) u allura l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tad-danni (talba li ma ressqux) <u>inkella</u> talba sabiex il-konvenuti jaghmlu xogholijiet rimedjali (it-tielet talba) u l-awtorizzazzjoni li l-atturi jaghmlu x-xoghol huma jekk jonqsu l-konvenuti (ir-raba` talba). Pero` ma jistghux iressqu l-erba` talbiet kollha flimkien bhal fil-kaz tal-lum. Ghal din il-Qorti, l-ahhar zewg talbiet huma kontradittorji mat-tieni talba fis-sens li ma jistghux l-atturi minn naha wahda jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni mela allura li tigi ffissata somma flus bhala risarciment, u min-naha l-ohra jressqu talbiet intizi sabiex min se jkun tenut jaghti risarciment fi flus jaghmel ukoll xogholijiet rimedjali. Jew wahda jew l-ohra pero` mhux it-tnejn flimkien. Din il-Qorti tghid li min-natura taghha, f`kawza ghal danni aquiliani, it-talbiet korretti ghandhom ikunu dawk fejn tinghata somma flus ghaliex l-azzjoni hija intiza sabiex taghti risarciment.

L-ahhar zewg talbiet, ghalkemm kontradittorji, ma jgibux nullita` tal-azzjoni, ghaliex l-att promotorju ma ghandux jitwaqqa` hlief ghal ragunijiet gravi (<u>**Kollez. XXIX.I.106**</u>) u dawn iz-zewg talbiet ghax ukoll zejda ma jgibux in-nullita` tal-azzjoni intiera. Infatti l-konvenuti ma taw l-ebda eccezzjoni ta` nullita`. Fl-istess waqt l-ispejjez gudizzjarji ta` talbiet zbaljati jew bla bzonn bhal dawn l-ahhar zewg talbiet attrici ghandhom jigu sopportati minn min jaghmilhom ("<u>**Scicluna vs Meli et**</u>" – Qorti tal-Appell

Civili – 5 ta` Gunju 1967). Ghalhekk din il-Qorti sejra tichadhom bl-ispejjez kontra l-atturi.

Kif diga` osservat, fir-rikors promotur kienet nieqsa t-talba ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tad-danni likwidati. Din il-Qorti tghid li, ghalkemm din kienet mankanza li ma kellhiex tkun u ma hemmx gustifikazzjoni ghaliha, mhix nuqqas li ggib in-nullita` jew l-irritwalita` tal-azzjoni attrici. Ir-raguni hi li fid-domanda ghal-likwidazzjoni tad-danni hemm virtwalment kompriza d-domanda ghall-kundanna tal-hlas ladarba saret id-domanda ghad-dikjarazzjoni ta` responsabilita`. Diversa kienet tkun is-sitwazzjoni li kieku gara l-invers, kif kien il-kaz fil-kawza "**<u>Grech et vs Segretarju tad-Djar</u>**" deciza minn din il-Qorti fl-1 ta` Ottubru 1985, fejn saret talba ghall-kundanna ta` hlas minghajr ma kienet preceduta minn domanda ghal dikjarazzjoni ta` responsabilita` ghal dak il-hlas. Fil-kaz tal-lum, bla ma bl-ebda mod ma sejra tiddeciedi talba *extra petita,* din il-Qorti, determinata r-responsabilita` u likwidati d-danni, sejra tghaddi ghall-uniku rimedju konsegwenzjali u nvoluti fiz-zewg talbiet indikati u cioe' il-kundanna tal-hlas tad-danni. Din il-Qorti ssib sostenn f'din il-linja taghha anke mill-fatt li fil-kaz tal-lum ma saret l-ebda eccezzjoni *ad hoc* mill-konvenuti kollha dwar dan il-punt, u fil-kaz tal-konvenuti Camilleri u Mallia kien hemm ammissjoni tal-ewwel talba u fir-rigward tat-tieni talba, kontestazzjoni tal-quantum tad-danni pretiz mill-atturi.

**Ikkunsidrat -**

Din il-Qorti sejra tghaddi issa sabiex tqis il-posizzjoni tal-kumpannija konvenuta Camilleri Marble Works qabel tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-mertu.

Wara li gharblet il-provi akkwiziti, din il-Qorti ma ssib l-ebda prova ta` xi involviment in toto jew in parte da parti tal-imsemmija kumpannija konvenuta fir-responsabilita`

ghad-danni subiti mill-atturi. Din il-Qorti nnotat li din kienet il-posizzjoni li hadet din il-kumpannija sa mill-bidu nett li l-kwistjoni bejn il-partijiet ingiebet quddiem dawn il-Qrati u cioe` sa mill-proceduri tar-rikors ghall-hrug ta' mandat ta` inibizzjoni (ara fol 22 tal-process bin-Nru. 1841/06 AL)

Lill-atturi kien jinkombi l-oneru tal-prova li bl-agir taghha l-imsemmija kumpannija konvenuta holqot ness ta` kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-event dannuz. Din il-prova ma saritx.

Ghalhekk qed jigu respinti t-talbiet attrici kollha fil-konfront tal-kumpannija konvenuta imsemmija.

**Ikkunsidrat -**

Fil-kawza tal-lum, il-konvenuti Camilleri u Mallia accettaw responsabilita` ghall-hsarat li x-xogholijiet taghhom attwalment ikkagunaw lill-atturi. Il-kontestazzjoni mal-atturi hija limitata ghall-quantum tad-danni. Infatti jghidu mill-ewwel fir-risposta mahlufa taghhom li d-danni attrici kienu jammontaw ghal Lm2,000. Propju minhabba din il-kontestazzjoni, din il-Qorti diversament presjeduta hatret lill-**AIC Alan Saliba** bhala perit tekniku sabiex jaghmel l-istima tad-danni attrici.

Pero` qabel tghaddi sabiex tqis il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, din il-Qorti se tittratta l-mod li periti ohra ttrattaw il-kwistjoni tal-qantum tad-danni attrici.

Il-perit inkarikat mill-atturi kien l-**AIC A. Bezzina** li hejja rapport datat 10 ta' Lulju 2007 b'diversi appendici (fol 17 sa 95).

Fir-rapport jinghad hekk –

*<u>Cost Evaluation for Repairs of Damages</u>*

*(a) Temporary accomodation (rate per month)*
*Lm100*
*(b) Transportation costs of furniture and goods from Eva House to a temporary accomodation*
*Lm300*
*(c) Dismantling and re-installation of fireplace and kitchen in order to carry out tiling works including replacement costs if existing marble in kitchen is damaged during dismantling*
*Lm1,015*
*(d) Replacement of floor tiles where subsistence occurred (works include taking up of existing tiles and carting away material arising, provision of gres ceramic tiles and laying of same)*
*Lm1,397*
*(e) Repairs to joinery works*
*Lm230*
*(f) Various masonry and plastering works including repairs to well*
*Lm1,450*
*(g) Replacement of bathroom*
*Lm1,012*

Min-naha taghhom, il-konvenuti nkarikaw lill-**<u>Perit Anton Zammit</u>** li hejja rapport datat 21 ta` Lulju 2007 (fol 97 sa 101) b`reazzjoni ghar-rapport tal-Perit Bezzina. F`dan ir-rapport, il-Perit Zammit ma jaghtix stimi izda, ghar-ragunijiet li ndika fir-rapport tieghu, ighid li *it is my conclusion that the report is simply exaggerated since facts are not completely stated. In addition they are presented in such a manner so as to give the impression that more damages have occurred.*

Kien prezentat ukoll rapport tal-**<u>Perit Dennis Camilleri</u>** (Dok.DC1) datat 25 ta' Ottubru 2006 (fol 324 u

325) li kien inkarikat mill-assikurazzjoni tal-konvenuti Camilleri u Mallia sabiex jispezzjona l-hsara fil-fond tal-atturi u jaghti stima tal-hsara. Huwa evidenti mir-rapport ta' dan il-perit li huwa llimita ruhu ghal stima tat-tiswijiet relatati mal-binja, in partikolari t-tnehhija tac-ceramika tal-kuritur u t-tqeghid ta` l-gdid, il-bdil ta' madum fil-bitha tal-gnien, tikhil tal-bir, tikhil tal-kuritur, grouting tac-ceramika tal-art fl-ewwel sular, zebgha tal-*main bedroom* fl-ewwel sular u tal-faccata : total ta' Lm1,325. Dan ir-rapport kien konfermat mill-Perit Camilleri fl-udjenza quddiem din il-Qorti kif presjeduta tat-3 ta' Marzu 2009 (fol 328 sa 331).

Kienu l-atturi li talbu l-hatra ta' perit tekniku. Il-konkluzjonijiet tal-Perit Alan Saliba kienu dawn (fol 119 sa 127)

***Masonry* u *Plastering***

1) Fid-dar tal-atturi, irrizulta li saret hsara konsistenti minn qsim u konsenturi konsegwenza tax-xogholijiet ezegwiti mill-konvenuti. Din it-tip ta` hsara kienet prezenti fil-kmamar kollha hlief fil-kamra tas-sodda ta` gewwa fl-ewwel sular stante li l-hsara riskontrata grat fi zmien qabel beda x-xoghol mill-konvenuti.

2) Il-perit tekniku kien tal-fehma li l-kileb maqsuma fl-intrata kellhiex titmess nonostante li kien hemm il-hsara ghaliex kif kien llum ma kienx jikkostitwixxi periklu. Minflok huwa rrakomanda l-ghoti ta' kumpens ghal dik il-hsara.

3) Kagun tax-xoghol tal-konvenuti, kien hemm titjir fuq il-bejt li skont il-perit tekniku ma kellux jitnehha sabiex ma ssirx hsara lill-*membrane.* Minflok irrakkomanda l-ghoti ta' kumpens ghal dik il-hsara.

4) Il-perit tekniku stima l-kumpens totali ghal *masonry u plastering* fl-ammont ta’ Lm1,240 (€2,888.42).

***Joinery Works***

Il-perit tekniku sab li kien hemm hsara fil-bibien tal-injam ta` barra u fil-bibien tal-injam taz-zewg kmamar tas-sodda. Huwa stima dawn it-tiswijiet fl-ammont ta’ Lm230 (€535.76) u mputa l-hsara lill-konvenuti ghaliex sforz ix-xogholijiet taghhom, il-hajt divizorju strah u ccaqlaq bil-konsegwenza li saret il-hsara.

**Madum ta’ l-Art**

Il-perit tekniku kkonsidra li x-xoghol ta’ demolizzjoni u ta’ skavar maghmul mill-intimati kkawza hsara fil-madum ta’ l-art li huwa tac-ceramika konsistenti fi ftuh tal-fil tal-kuridur t’isfel, ftuh tal-fili zghar fil-passagg tal-gardina, fil-*main bedroom* u fil-kuridur ta’ fuq. Il-perit rrelata li kien hemm ukoll zewg madumiet imtajra, wahda fil-kuridur ta’ fuq u l-ohra fil-bitha. Ghalkemm kien hemm dawn iz-zewg madumiet maqsuma, il-perit tekniku kien tal-fehma illi m’ghandux jinbidel il-madum tad-dar kollha. Huwa stima x-xoghol rimedjali necessarju fl-ammont ta’ Lm150 (€349.41).

**Kamra tal-Banju**

Il-perit tekniku jaqbel mal-lanjanzi tal-atturi li l-kamra tal-banju ghandha tinbidel ghal kollox peress illi dik ezistenti kienet qadima u allura ma kienx se jinstab madum li jaqbel maghha. Huwa stima t-tibdil tal-kamra tal-banju fl-ammont ta` Lm700. Kontra dak pretiz mill-atturi, il-perit tekniku ma nkludiex bordura billi dik ma kenitx tirrizulta fil-kamra tal-banju li kellhom. L-ammont indikat mill-perit tekniku kien jinkludi kwalsiasi kumpens

ghal inkonvenjent mahluq minhabba inezattezzi estetici li x-xogholijiet rimedjali kienu sejrin joholqu minhabba li dawn ma jistghux ikunu ezatti bhal dawk ezistenti.

**Garr ta' ghamara**

Sabiex jigu ezegwiti x-xogholijiet rimedjali, il-perit tekniku kien mehtieg it-traslok tal-ghamara. Il-prezz tal-garr kien stmat fl-ammont ta' Lm100 (€232.94)

Ghalhekk il-perit tekniku stima d-danni tal-atturi fl-ammont shih ta' **Lm2,420** (€5,637).

Il-perit tekniku wiegeb ghal domandi in eskussjoni fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2007.

Waqt din il-procedura, l-atturi ressqu kopja ta' ittra mibghuta minghand Galea Ceramics Company Limited fejn jinghad li l-madum tal-ghamla *Milos* kien ilhom ma jigu manufatturati ghal ghaxar snin u ma kienx ghad hemm minnhom fis-suq (fol 150). Skond il-perit tekniku, l-atturi kellhom tnejn minn dawn it-tiles li kienu bil-hsara. Wahda minnhom kienet tinsab fin-nofs tal-bitha u skond il-perit tekniku, ma setghetx tigi mibdula b'xi materjal simili. Il-maduma l-ohra kienet vicin is-soll ta' l-irham tat-tarag u allura skond il-perit tekniku setghet tinbidel l-irhama. Il-perit tekniku accetta li fil-kaz li ma jinstabx madum, ikollu jinbidel il-madum kollu, kemm tal-bitha u kemm tas-sular ta' fuq. Pero` qal ukoll li kien prattikabbli li jinqala` ftit madum minn band'ohra sabiex tigi sostitwita l-maduma miksura imbaghad issir strixxa minn fejn inqala' l-madum l-iehor u din l-istrixxa tinbidel in toto b'madum iehor jew soll. Skond il-perit tekniku, f'dik l-eventwalita`, dan ix-xoghol kien jigi jiswa' Lm100 (€348.41).

Ghar-rigward tal-kamra tal-banju, l-atturi sostnew li fil-fatt kien hemm bordura (kontra dak li kien irrileva l-perit tekniku) u allura skond l-atturi l-istima kellha titla` ghal Lm1,012. Waqt l-eskussjoni tal-perit tekniku, l-atturi pprezentaw nota fejn esebew xi ritratti tal-kamra tal-banju fejn tidher bordura (ara fol. 149 tal-process).

Fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2008 (fol 169 sa 180) xehed il-Perit Anthony Bezzina sabiex prattikament iwiegeb ghall-konkluzjonijiet tal-perit tekniku. Fix-xhieda tieghu, huwa ma rrevediex l-istimi li kien indika fir-rapport originali tieghu.

Fis-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tat-30 ta` Settembru 2009 (fol 358 u 359), xehed il-Perit Anton Zammit fejn fis-sostanza qabel mar-rapport tal-perit tekniku.

**Ikkunsidrat :**

Il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet ta' <u>natura teknika</u> li jsiru minn perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu.

Dwar il-konkluzjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawza **"<u>Calleja vs Mifsud</u>"** irriteniet li -

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika*

*ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

Bhala fatt, ghandu jinghad li ghalkemm il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku ma jidhirx li lahqu l-aspettattivi tal-atturi, dawn ghazlu li ma jressqux talba ghall-hatra ta’ periti teknici addizzjonali u llimitaw ruhhom ghall-eskussjoni tal-istess perit tekniku.

Ghalkemm huwa minnu li l-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohra kontrollabbli mill-gudikant, tant li kif ighid l-Art. 681 tal-Kap.12, il-Qorti mhix marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha. Fl-istess waqt *dan ma jfissirx pero` illi l-Qorti tista’ taghmlu b’ mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* (“**Grima vs Mamo et noe**” **–** Qorti tal-Appell – 29 ta’ Mejju 1998)**.** *Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta’ tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg, mil-lat tekniku.* (“**Cauchi vs Mercieca**” **–** Qorti tal-Appell – 6 ta’ Ottubru 1999 **; “Saliba vs Farrugia**” – Qorti tal-Appell – 28 ta’ Jannar 2000 u “**Calleja *noe* vs Mifsud**” – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001). Il-*giudizio dell’ arte espressa mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet*

*ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*" – ("**Bugeja *et* vs Muscat *et*" –** Qorti tal-Appell – 23 ta' Gunju 1967).

Kemm il-konvenuti kif ukoll il-perit taghhom jaccettaw ir-rapport tal-perit tekniku.

Din il-Qorti tghid li hija sodisfatta illi x-xoghol ta' skavar, twaqqigh u kostruzzjoni fil-proprjeta' ta' l-konvenuti wassal ghall-hsara li garrab il-fond tal-atturi. Tghid ukoll li ghalkemm in linea generali, hija sejra toqghod fuq il-linji traccjati mill-perit tekniku, hemm xi punti partikolari fejn sejra tiddipartixxi mill-fehmiet tal-perit tekniku.

Ghalhekk wara li esaminat il-provi akkwiziti, wara li qieset il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku u r-risposti tieghu ghad-domandi in eskussjoni, din il-Qorti qeghda taghmel dawn l-osservazzjonijiet –

1) Il-Perit Dennis Camilleri, li kien inkarikat mill-assikuraturi tal-konvenuti sabiex jaghmel rapport dwar il-hsarat sofferti mill-atturi, ighid illi '*Cracking to floor ceramic tile works occurred along the whole length of corridor, together with subsidence to garden floor tiling'*. Huwa jghid illi sabiex tigi rrimedjata dik il-hsara, kien mehtieg li jinqala` l-madum tal-kuridur u tal-*hallway*, u li jsir madum gdid ghall-prezz ta' Lm675 (ara fol 28 fil-mandat ta' inibizzjoni allegat ma dan il-process).

2) Il-konvenut Alfred Mallia xehed (a fol. 337) illi ma sabx madum bhal dak li kellhom l-atturi. Huwa jixhed illi '*konna ghidnilhom li lesti nibdlulhom il-pjan terran kollu'*. Infatti z-zewg konvenuti jsostnu li huma kienu lesti li jibdlu

l-madum ta’ isfel tad-dar tal-atturi. Izda mhux li jaqilghu il-kcina u l-*fireplace* peress illi dawn ma kellhomx hsara. Il-konvenut Lawrence Zammit jixhed ukoll illi kienu lesti sabiex ihallulhom irham zejjed fl-eventwalita’ li l-atturi jkunu jridu jaqilghu l-kcina u tahtha jwahhlu l-madum il-gdid.

3) Huwa principju tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni ghal danni li “*l-attur ghandu kemm jista’ jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara*” (“**Tufigno vs Micallef noe**”, Qorti tal-Appell – Sede Civili - 23 ta’ April 1965). Id-danneggjat ghandu l-jedd li jigi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerga’ jitqieghed regonevolment fl-istat li kien qabel sofra l-hsara. Dan ghaliex ir-risarciment ghandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli ghalih li jgib mieghu l-event dannuz. Ghalhekk ir-risarciment ghandu jikkonsisti f’somma li ragonevolment twassal ghall-valur tal-utilitajiet mitlufa. (**“Galea pro et noe vs Gatt et”** – Qorti tal-Appell - Sede Civili – 24 ta’ Novembru 1958 ; **“Zammit vs Calleja”** – Appell Inferjuri – 12 ta’ Jannar 1977 ; “**Sant vs Borg” -** Prim' Awla tal-Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 1979)**.**

4) Din ir-regola tar-*restitutio in integrum* hija kwalifikata minn regola ohra li bhala bilanc torbot lid-danneggjat sabiex jadotta dawk il-mizuri kollha ragonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, u jekk jirrizulta li ma jkunx ha dawk il-mizuri, allura dak in-nuqqas tad-danneggjat ghandu jirrisolvi ruhu fi tnaqqis tal-quantum tad-danni.

5) Huwa wkoll principju tad-dritt li ghalkemm id-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli sabiex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, fl-istess waqt mhuwiex obbligat li jitghabba b’pizijiet biex jirreduci l-hsara –

"*Il-kwestjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta' fatt li ghandha tigi konsidrata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut*"

( ara - "**Aquilina vs Schembri**" – Qorti tal-Appell – Sede Civili - 24 ta' Jannar, 1969 ; "**Xuereb vs Livick et**" – Qorti tal-Appell Inferjuri – 3 ta' Novembru 1956 ; **Kollez. Vol. XXXVII.I.478** u **Kollez. Vol. XXXVIII.I.249**).

6) Meta tqis il-fatti u cirkostanzi ta' dan il-kaz, din il-Qorti, limitatament ghall-kwistjoni tal-madum ta` gewwa, tghid li ma tistax tikkondividi l-opinjoni tal-perit tekniku ghaliex ma tkunx qeghda ssir *restitutio in integrum* fit-termini ta` dritt fuq imfissra jekk l-atturi jkunu kostretti jaccettaw madum li ma jkunx estetikament unit u uniformi, bil-mod u manjiera proposti mill-perit tekniku waqt l-eskussjoni. Ghaldaqstant ladarba l-madum li kellhom l-atturi kien fi stat tajjeb, izda propju dak li kellhom m'ghadux jigi manifatturat, wiehed ma ghandux jippretendi mill-atturi li ghandhom "*iraqqu*" 'l hemm u 'l hawn, jaqilghu madum minn banda, iwahhluh band'ohra fejn sehhet hsara, u jirrimpjazzaw il-madum utilizzat bi strixxa ta' madum iehor jew soll. Dak huwa piz li l-atturi m'ghandhomx jitghabbew bih intortament. Ghalhekk din il-Qorti tghid li l-madum kollu ghandu jinbidel ghas-spejjez tal-konvenuti Camilleri u Mallia.

7) Ghar-rigward tal-maduma maqsuma fil-bitha, din il-Qorti tghid li mhijiex sodisfatta li ngiebu provi tajbin bizzejjed sabiex juru illi dik il-hsara saret kawza tax-xogholijiet tal-konvenuti. Irid jinghad li l-perit *ex parte* tal-atturi mhux cert dwar x'wassal sabiex tinkiser il-maduma tal-bitha, tant li huwa jghid illi '*aktarx* meta kienu qeghdin jaghmlu xi xoghol ta' demolizzjoni waqa' xi gebel fuq il-bitha u nqasmet maduma' (ara fol. 173 tal-process). Pero` ma tressqux provi konklussivi li jmorru oltre is-supposizzjoni jew l-ipotesi.

8) Ghalkemm meta l-Perit Anton Zammit (inkarikat mill-konvenuti) xehed fil-proceduri ghall-hrug ta' Mandat ta` Inibizzjoni stqarr li '*ahna nitilghu b'qoxra ghalina. Eventwalment il-bini ser jigu imissu ma xulxin'* irrizulta mix-xhieda tal-attrici Patricia Pace li fil-fatt mhux hekk gara ghaliex ma ttellghetx qoxra bini ohra izda l-konvenuti wzaw l-appogg tal-fond taghhom sabiex kien estiz il-hajt divizorju (ara fol. 260).

9) Miz-zmien li beda xoghol ta' kostruzzjoni mill-konvenuti, beda diehel l-ilma fil-proprjeta' tal-atturi (ara r-ritratti a fol. 264) bil-konsegwenza li harget il-moffa (ara r-ritratti a fol. 263)

**Ikkunsidrat :**

Kollox meqjus, b`osservanza skrupoluza tad-dritt izda b`sens ta` gustizzja, u fl-istess waqt b`saqajha ben saldi fl-art, u ben koxjenti mill-prezzijiet korrenti tas-suq, din il-Qorti, in linea mat-tieni talba attrici, qeghda tillikwida d-danni tal-atturi fuq l-iskorta tal-provi teknici akkwiziti u *arbitrio boni viri* kif gej -

1) Il-bdil tal-madum tas-sular ta' isfel tal-fond tal-atturi nkluz il-*grouting* u bl-eskluzjoni tal-madum tal-bitha – **€1,700**

2) It-tikhil inkluz tal-bir - **€3,000**

3) Il-bdil tal-kamra tal-banju inkluza l-bordura - **€2,400**

4) L-ispejjez tax-xoghol kollu tal-injam - **€550**

5) It-tibjid tal-kamra tas-sodda principali, tal-kcina u tal-faccata tad-dar - **€1,400**

6) Ic-caqlieq tal-ghamara - **€300**

7) Il-htiega li l-atturi jmorru jirrisjedu band`ohra sakemm jitlesta l-minimu tax-xogholijiet - **€350**

**Total – €9,700**.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi -**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta Camilleri Marble Works u tichad it-talbiet attrici kollha fil-konfront taghha, spejjez ghall-atturi.**

**Tichad it-tielet u r-raba` talbiet attrici, spejjez ghall-atturi.**

**Tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti Lawrence Camilleri u Alfred Mallia billi tilqa' l-ewwel talba fil-konfront taghhom u ghalhekk tiddikjara lill-konvenuti Lawrence Camilleri u Alfred Mallia solidament responsabbli bejniethom ghad-danni u ghall-hsara subita mill-atturi.**

**Tillikwida d-danni tal-atturi fl-ammont ta` disat elef u seba` mitt Ewro (9,700).**

**Tikkundanna lill-konvenuti Lawrence Camilleri u Alfred Mallia solidament bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta` disat elef u seba` mitt Ewro (€9,700) in linea ta` danni, bl-imghax legali b'effett mil-lum.**

**Ghajr ghal kif fuq premess, il-bqija ta` l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mill-atturi u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-**

**konvenuti Lawrence Zammit u Alfred Mallia solidament bejniethom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------